MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-8 ta' Frar, 2006

Avviz Numru. 287/2004

**Avviz numru 287/04DM**

**Pierre Debono (ID 480478 M)**

**Vs**

**Tlata Limited (C 16319)**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab il-kundanna tas-socjeta' konvenuta, sabiex ihallsu s-somma ta' tlett elef u mitejn lira Maltin (Lm3,200) rapprezentanti mport ta' erba' (4) kambjali ta' tmien mitt lira-il wahda (Lm800) ilkoll datati 19 ta' Awissu, 2002, iffirmati u accettati mis-socjeta' konvenuta u li gew iggirati lill-attur u issa huma fil-pussess tieghu u li gew debitament protestati, ezigibbli fl-20 ta' Novembru, 2003, fl-20 ta' Dicembru, 2003, fl-20 ta' Jannar, 2004, u fl-20 ta' Frar, 2004, rispettivament, kopja

ta' liema kambjali hija annessa ma' l-Avviz bhala Dok. 'A' sa Dok. 'D'.
Bl-interessi dekorribbli mid-data ta' skadenza ta' kull kambjala u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tat-3 ta' Frar, 2004, kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet illi:

1 It-talbiet ta' l-attur ghandhom jigu michuda bl-ispejjez ghall-istess attur stante li huma nfondati fil-ligi kif ukoll fil-fatt u dan ghaliex is-socjeta' attrici ma hijiex debitrici ta' l-attur kif se jigi pprivat fil-mori tal-kawza;
2 Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-proceduri ta' l-attur fil-konfront tas-socjeta' konvenuta huma frawdolenti u simulati stante li l-kambjali in kwistjoni kienu originarjament mahruga mis-socjeta' konvenuta a favur ta' omm l-attur, Pauline Debono li hija debitrici ta' l-istess socjeta' konvenuta f'ammont ferm akbar minn dak illum pretiz mill-attur. Pauline Debono iggirat l-kambjali a favur ta' binha Pierre Debono, minghajr ebda kumpens, minkejja li hemm ftehim bejn Pauline Debono u Tlata Ltd li l-ammont tal-kambjali jigi pacut ma' parti mill-ammont dovut minnha lis-socjeta' konvenuta.
3 Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Ghalkemm bl-eccezzjonijiet taghha fil-mertu l-kumpanija konvenuta qeghda tallega illi l-kambjali in kwistjoni huma frawdolenti u simulati huma jkomplu jispjegaw tali eccezzjoni mhux billi jsostnu li l-frodi u ssimulazzjoni jirrigwardaw l-kambjali u ***ut sic*** jew li jirrigwardaw il-forma ta' l-gira ta' l-istess kambjali minn Pauline Debono lill-attur Pierre Debono, izda jsosstnu illi tezisti simulazzjoni u frodi minhabba il-fatt biss illi Pauline Debono, favur min il-kumpanija konvenuta kienet harget il-kambjali, kellha xi

ftehim mal-kumpanija konvenuta li bih kienet intrabtet illi ma tezigiex il-hlas ta' tali kambjali biex tpaci l-import ta' l-istess kambjali ma' ammont iehor dovut minnha lill-kumpanija konvenuta.

Apparti l-kwistjoni x'effett jista' jkollu tali ftehim fuq it-terz pussessur favur min ikunu ggirati l-kambjali, jibqa' dejjem l-oneru tal-konvenuti illi qabel xejn jippruvaw li kien sar effettivament tali ftehim biex b'hekk jistghu jaslu ghal xi prova illi l-gira tal-kambjali in kwistjoni kienet saret frawdolentement uPauline Debono setghet tevadi l-obbligazzjonijiet taghha naxxenti minn tali allegat ftehim.

Biex jippruvaw jaslu ghal tali ftehim il-konvenuti pproducew lil Paul Falzon direttur tal-kumpanija konvenuta li mhux biss ma wasalx biex almenu jindika x'ammont kien qed jippretendi illi l-kumpanija konvenuta ghandha tiehu minghand Pauline Debono, anzi kompla jitfa' dubbju fuq l-istess allegazzjoni tieghu billi lanqas ma seta' jippreciza jekk xi kreditu ta'l-konvenuti kienx dovut minn Pauline Debono jew  minn xi kumpaniji ohra li fiha l-istess Pauline Debono seta' kellha nteress.

Lanqas ma sar l-inqas accenn ghaliex, jekk seta' immatura xi ftehim bejn il-kumpanija konvenuta u l-istess Pauline Debono li kienet il-pussessur tal-kambjali, l-istess Pauline Debono ma kienitx giet obbligata li tirrilaxxja l-pussess ta' tali kambjali in adempiment u in ezekuzzjoni tal-kumpensazzjoni miftiehema.

Fuq kollox l-istess Paul Falzon jidher illi, ghan-nom tal-kumpanija konvenuta li huwa jirrapprezenta, rrinunzja ghal tali tpacija jekk qatt saret, billi *ex admissis* isosstni illi huwa qieghed jagixxi kontra Pauline Debono u xi kumpaniji ohra li din tirrapprezenta f'gudizzju separat biex jitlob il-kanonizzazzjoni u hlas tal-krediti li huwa nomine jippretendi li ghandu kontra taghhom.

Ghaldaqstant mhux biss ma tezisti ebda frodi jew simulazzjoni, izda lanqas ma jezisti xi mpediment legittimu iehor illi jista' jiprekludi lill-attur milli jitlob il-hlas tal-kambjali originali fil-pussess tieghu u esibiti fil-process u li

huma mmaturaw u li ghalhekk ghandhom jigu mhallsa u sodisfatti mill-kumpanija konvenuta.

Ghaldaqstant filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti, qieghda tilqa' it-talba attrici u tikkundanna lill-kumpanija konvenuta sabiex thallas lill-attur ghar-ragunijiet permessi fl-Avviz is-somma komplessiva ta' tlett elef u mitejn lira Maltin (Lm3,200), bl-imghaxijiet dekorribbli mid-data ta' l-iskadenza ta' kull kambjala.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------